# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar t-Tnejn 12 ta' Frar 2001**

**Avviz. numru 377/00**

**Numru 30**

**Anthony Galea**

**vs**

**Consiglio Busuttil**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-attur talab sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandux jigi kundannat li jhallas lill-istess attur is-somma ta' tmien mija u hamsa u tletin lira maltin u tmenin centezmu (Lm835.80) ammont mill-konvenut dovut bhala bilanc ta' ammonti dovuti lill-attur ghall-irdiem ta' terappin fil-barriera f'Sejba/tal-Midirba limiti tal-Imqabba fl-1 ta' Settembru 1998 u f'dati ohrajn.

Bl-ispejjes inkluzi dawk ta' l-ittra interpellatorja tat-22 t'April 1999 u l-ittra ufficjali tat-30 t'April 1999. Il-konvenut gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut (a fol 8 tal-istess atti) li biha eccepixxa:

1. Illi primarjament l-azzjoni tal-attur hija preskritta u dana ai termini tal-artikolu 2148(a) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Illi minghajr ebda pregudizzju ghas-suespost l-ammont mitlub minn l-attur mhux dovut kif mitlub minnu fl-avviz u dana peress li l-eccipjenti kien gia hallas somma konsiderevoli minn ammont hekk kif mitlub u dana kif ser jirrizulta waqt is-smiegh tal-kawza.

3. Salv eccezzjoinijiet ohra.

Rat il-verbal tas-seduta tas-17 ta' Ottubru 2000 (fol 10 ibid) li fiha l-istess konvenut irtira l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni u li l-ammont ta' Lm796 hu dovut mill-konvenut lill-attur (ara ukoll fol 11 tal-atti).

Semghet lill-attur minn jeddu waqt is-seduta tallum stess.

Ikkunsidrat

Illi, skond kif ikkonferma l-istess attur fix-xhieda moghtija minnu llum stess, l-ammont kollu specifikat fl-avviz ghadu, kollu kemm hu, dovut sallum waqt li l-konvenut ma deherx fis-seduta tallum.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tilqa' t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex jhallas lill-attur is-somma ta' Lm835.80,0 bl-imghax legali mit-30 ta' April 1999 sal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja tat-22 ta' April 1999 u ta' dik ufficjali tat-30 ta' April 1999.

Alan Calleja
Dep.Reg